MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 864/2001/1

**Tessons Snack Food Limited**

**vs**

**Michael Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta’ attrici fl-10 ta’ Ottubru, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas is-somma ta’ elf, seba’ mija u sebghin lira Maltin (Lm1,770) rapprezentanti rifuzjoni ta’ flus u bonus moghtija lill-konvenut skond kuntratt tat-18 ta’ Gunju, 1997, liema kuntratt gie miksur mill-konvenut.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-6 ta’ Gunju, 2001, u tal-11 ta’ Lulju, 2001, u bl-imghax ta’ 8% fuq Lm1,770 mis-6 ta’ Gunju, 2001, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-kuntratt li fuqha bbazat ruhha l-azzjoni tas-socjeta' attrici ma giex miksur u ghadu vigenti, tant illi, di fatti, l-istess socjeta' attrici ghadha qieghda tghaddi l-merkanzija fil-hanut 'Your Choice Confectionery' sad-data tal-prezentata ta' dawn l-eccezzjonijiet;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kuntratt imsemmi mis-socjeta' attrici, huwa wiehed kontrattwali, fejn, filwaqt illi l-konvenut intrabat illi jixtri esklussivament minghand is-socjeta' attrici, minghajr ma esprimitu bil-miktub, intrabtet illi tipprovdi tali prodotti lill-konvenut, liema ftehim hija kissret ripetutament meta ma kienetx tipprovdi merkanzija, kif mifthiem u, sahansitra, waqqfet tipprovdi tali merkanzija ghall-periodu u hadet lura l-equipment necessarju sabiex jinbiegh tali merkanzija;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija bbazata fuq kuntratt jew ftehim li sar fit-18 ta' Gunju, 1997, (Fol.19) fejn is-socjeta' attrici tat elfejn lira Maltin (Lm2,000) lill-konvenut bil-kondizzjoni illi dan ibiegh esklussivament prodotti taghha taht certa kondizzjonijiet sakemm il-konvenut ilahhaq ic-cifra ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) f'bejgh. Fil-kaz illi l-hanut jigi trasferit jew imwilli lill-terzi, ssir kalkolu *pro rata* sabiex il-konvenut jirrifondi l-ammont misluf.

Irrizulta mill-provi specifikament mix-xhieda tas-*salesmen* Alex Cassar u David D'Amato illi l-konvenut wella l-hanut lil terzi u fl-ahhar sena ta' l-operazzjoni tieghu beda' jbiegh ukoll prodotti ta' kompetituri tas-socjeta' attrici. Minkejja li fl-ahhar seduta l-konvenut esebixxa t-*trading license*, ma jfissirx illi b'daqshekk ma kienx f'posizzjoni illi jwilli l-hanut kif xhedu Cassar u D'Amato. Ghalhekk kien jinkombi fuqu

li jaghmel il-kontijiet mas-socjeta' attrici u jhallas l-bilanci dovuti.

Il-konvenut ma kkontestax il-ftehim tat-18 ta' Gunju, 1997, u ghalhekk il-Qorti trid tohodha bhala patt illi jirregola r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet.  Ma hemm xejn illegali f'dan il-kuntratt u ghalhekk is-socjeta' attrici tista' tesigi fil-konfront tal-konvenut li josserva t-termini taghha. Lanqas ma jidher illi gie kkontestat l-ammont ta' elf, seba' mija u sebghin lira Maltin (Lm1,770) l-ammont illi qeghda titlob lura s-socjeta' attrici.  L-unika haga li l-konvenut qieghed jghid hi illi s-socjeta' attrici ghadha tissuplixxi lill-hanut tieghu sa' llum.

Minkejja li rrizulta illi Alex Cassar ghadu jissuplixxi l-aventi kawza tal-konvenut, dan il-ftehim huwa wiehed personali, allura l-konvenut jibqa' responsabbli ghat-termini tieghu.

Il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici ippruvat fi grad li trid il-Ligi l-kaz taghha u ghalhekk il-konvenut ghandu jhallasha l-ammont mitlub ladarba kien huwa li ma osservax it-termini ta' l-istess kuntratt u ghadda l-hanut lill-terzi, f'liema kaz jidhlu *in vigore* l-ahhar kweziti ta' l-istess ftehim.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut illi jhallasha s-somma ta' elf, seba' mija u sebghin lira Maltin (Lm1,770) rapprezentanti rifuzjoni ta' flus u bonus moghtija lill-konvenut skond kuntratt tat-18 ta' Gunju, 1997, liema kuntratt gie miksur mill-konvenut.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l- konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------